KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 32 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Gimgħa 31 ta' Jannar 2014 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.45p.m | 9.30p.m. |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.35p.m | 9.30p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.30 p.m. | 9.30 p.m. |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | assenti | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.35p.m. | 9.30.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | indisposta | |
| Kunsillier James Cassar | 7.50p.m. | 9.30p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Kunsillier David Meilak | Assenti | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.55p.m. | 9.30p.m. |

Kien ukoll preżenti għal-Laqgħa l'Ambaxxatur taż-żagħżagħ, s-Sur Steve Bartolo.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 31- 19 ta' Diċembru 2013**

Il-minuti tat-31 Laqgħa tal-Ħamis 19 ta' Diċembru kienu ntbagħtu qabel u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija. Ma saret l'ebda emenda u ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

Il-Kunsillier Keith Cassar talab li jerġgħu jintbagħtulu kopji tad-dokumenti tal-għoti tal-kuntratt tal-apparat tal-Live Streaming sabiex jivverifika li l-appart installat hu dak mitlub.


Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

Is-Sindku infurmat li l-proġett tal-Wied tal-Isperanza (Gananu) taħt il-miżuri tal-MRRA 313 u 323 issa kien wasal biex jitlesta. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, informa li t-'TOTEM' kien ser jitwaħħal fil-post quddiem l-kappella tal-Isperanza dalwaqt u kienet inħarget sejħa għal-apparat tas-CCTV sabiex jitwaħħlu żewġ kameras fuq il-post.

## 3.00 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta' Pagamenti

Ġiet approvata unanimament lista ta' pagamenti Nru: 21 għal-ammont ta' €136,979.90c kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

### (b) Lista tal-Works Orders

Il-lista ta' works orders ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

### c) Lista tal- Purchase Orders

Il-lista ta' purchase orders ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

### d) Lista ta Depożiti

Dan l-item tħalla għall-laqgħa oħra peress li ma kienux ġew ippreparati kopji ta' din il-lista.

## 4.00 Korrispondenza

Ġiet ippreżentata lista ta 13 il- korrispondenza. Ara lista annessa bid-deċiżjonijiet mittieħda.

4.01 Dwar korrispondenza nru. 1 – Talba mingħand s-Sinjura Livori għal-kumpens ta' inċident, ġie approvat unanimament li jsir il-ħlas dovut wara li s-Sindku kienet ivverifikat l-irċevuti konnessi ma dan l-inċident.

4.02 Dwar korrispondenza nru. 13 – Kors ta Health and Safety fis-sala tal-Kunsill , ġie approvat unanimament li l-Kunsilliera Marthese Mifsud tieħu ħsieb torganizza dan il-kors u jsir ħlas ta Euro 118 (inkluż il-vat) għal dan il-kors.

## 5.00 Laqgha Annwali

**a) Approvazjoni tal-Budget 2014** – Il-Kunsill approva unanimament l-Budget kif kien ġie ippreżentat, diskuss, u approvat waqt il-Laqgħa Annwali tal-Kunsill Lokali Mosta.

**b) Approvazjoni tal-Business Plan 2014/2015/2016** - Il-Kunsill approva unanimament l-Business Plan għas-snin 2014/15/16 kif gie ippreżentat, diskuss, u approvat waqt il-Laqgħa Annwali tal-Kunsill Lokali Mosta.

**c) Kummenti/Ilmenti li saru fil-Laqgha Annwali**

Is- Sindku informat li waqt il-Laqgħa Annwali ġew diskussi items imqajma minn żewġ membri tal-pubbliku li kienu preżenti għal-Laqgħa.

Resident talab kjarifika dwar x'kien ser jiġri mill-proġett li kien ġie propost għal wara l-Knisja Rotunda. Is-Sindku spjegat li wara li kien hemm bidla fil-Gvern Ċentrali l-proġett kien ġie riferut lil-Ministru Joe Mizzi iżda sa issa ma kien hemm l-ebda reazjoni mill-Ministru. Sa dan it-tant kien ser jerġa jiġi nstallat apparat fil-playing field f'din iż-żona. Dan kien ser isir b'mod temporanju sakemm tittieħed deċizjoni dwar l-iżvilupp ħollistiku ta' din iż-żona.

Resident ieħor kien ikkummenta dwar il-fatt li fil-budget għas-sena 2014 ma kienx hemm fondi allokati għal-proġett tal-Batterija tat-Tarġa. Kien ġie spjegat li kien għadu qed isir l-istudju dwar dan il-proġett u dwar l-identifikazjoni ta' sorsi ta' fondi għal-dan il-proġett. Is-sorsi jistgħu jkunu a) fondi mill-Unjoni Ewropea, b) PPP u/jew c) fondi oħra. Ma kienx possibli li jiġu allokati fondi għal dan il-proġett mill-allokazjoni annwali li l-Kunsill jingħata mill-Gvern Ċentrali.

Waqt d-diskussjoni ta' dan l-item s-Sindku ħadet l-okkażjoni sabiex titkellem dwar il-Laqgħa tal-Kabinett li saret fil-Mellieħa riċentement u li għaliha kienu mistiedna s-Sindki tar-Reġjun tat-Tramuntana.

Il-Sindku, Dott. Shirley Farrugia, qalet li waqt din il-Laqgħa (pubblika) tal-Kabinett hija tkelmet dwar ħafna punti li jolqtu l-bżonnijiet tal-Mosta u anke intbgħat rapport bil-miktub lil-OPM. Fost affarijiet oħra hija semmiet 1) L-allokazjoni żgħira li kien qed jingħata l-Kunsill mill-Gvern Ċentrali, 2) Li ma kienx hemm riżorsi umani sabiex jiġu adekwatament sfruttati l-fondi mill-Unjoni Ewropea, 3) It-tnedija ta' Bye-Laws sabiex jiġu ġġenerati aktar fondi għal-Kunsilli, 4)Bżonn ta' aktar fondi ghal-rikostruzjoni ta' toroq, 5) Proġetti li għaddej bihom fil-preżent il-Kunsill, 6) Bżonn ta' manutenzjoni fil-Housing Estates tal-Mosta, 7) Trasport Publiku, u 8) Problemi fis-sistema ta' ġbir ta' skart riċiklabbli.

Il-Kunsilliera talbu u ġie approvat li r-rapport li kient intbaħhat lil-OPM jiġi wkoll iċċirkolat mal-Kunsilliera kollha.

**6.00 Preżentazjoni dwar il-Proġett tal-Batterija tat-Targa.**

Il-Viċi Sindku Joseph De Martino li huwa wkoll ic-Chairperson tal-Kumitat tal-Batterija tat-Tarġa ippreżenta summarju dwar x'kien qed jiġi diskuss fil-kumitat u ġie iċċirkulat dokument b'lista ta' proposti dwar dan il-proġett għal-approvazzjoni tal-Kunsill. Id-dokument huwa anness ma dawn il-minuti u ġie approvat mill-Kunsill bl-eċċezjoni tal-Kunsillier Keith Cassar li ma qabilx u oppona li l-Mosta Scouts Group għandhom jiġu mitluba jħallsu s-somma ta' €300 għas-sena 2013. Saret duskussjoni dwar din l-oppożizjoni tal-Kunsillier Keith Cassar li argumenta li l-Mosta Scouts Group kienu strumentali fl-akkwist ta' din il-batterija u anke kienu għenu ħafna fit-tindif tal-post u għalhekk ma għandhomx jintalbu jħallsu għal-użu tal-batterija li sar minnhom fis-sena 2013.

Wara diskussjoni twila ġie deċiż li l-ħlas għas-sena 2013 mill-iscouts għandu jsir.
Is-Sur Keith Cassar talab ukoll kjarifiki mill-Lands dwar l-iskwatters, u talab li l-Kunsill jingħata parti oħra fejn hemm kamra mhoqqa.

## 7.0 Affarijiet Oħra

Il-Kunsillier Brian Bezzina talab li jsiru parking bays fi Triq Sant Antnin

## 8.0 Aġġornament

Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Ħamis 20 ta' Frar 2014 fis-7.30p.m. meta għandhom jiġu approvati l-Kontijiet Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena li għalqet fil- 31 ta' Diċembru, 2013.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv